MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 171/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Travelways International – C4803**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' April, 2005, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta hallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,436.99) rapprezentanti ammont ta' numru telex 1867 (ATLX 75/80) [skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok. A], liema servizz gie nstallat fil-fond 65, South Street, Valletta u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni anness u mmarkata Dok. B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-

imghaxijiet, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' Travelways International fejn eccepiet:

1. Illi s-somma rikjesta mis-socjeta' attrici jew parti minnha, ma hijiex dovuta stante illi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma rikjesta mis-socjeta' attrici, jew parti minnha ma hijiex dovuta stante illi s-servizz ma baqax jigi moghti mill-istess socjeta' attrici, u dana minn diversi snin ilu;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qeda tqajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippreskrivi terminu ta' hames snin ghall-azzjonijiet gejjin minn natura kummercjali.

Fil-fatt il-Qorti jidhrilha illi dan huwa t-terminu korrett ghal fini ta' preskrizzjoni fejn jirrigwarda hlas ghal servizz tat-telefon.

Fil-kawza John Scicluna noe vs Robert Spiteri deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Novembru, 1992 il-Qorti kienet qalet fost affarijiet ohra, " … il-kreditu ma huw dovut ghall-kiri ta' hwejjeg mobbli izda ghal servizz tat-telefon …" Kompliet tghid ukoll, "Illi l-kiri ta' l-apparat ma jbiddilx in-natura tan-negozju li huwa wiehed ta' servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dan is-servizz".

Ma hemmx dubju li s-socjeta' konvenuta kienet applikat u ottjeniet servizz ta' komunikazzjoni minghand is-socjeta' attrici, permezz tal-ftehim tat-28 ta' Mejju, 1992 [fol. 3]. Is-

servizz baqa' jigi wzat b'mod regolari bhalma jidher mill-i*statement*ipprezentat mis-socjeta' attrici a fol. 21 tal-process. Minn dan l-i*statement* jidher illi l-kontijiet imorru lura sa' l-1995 u saru pagamenti akkont fis-16 ta' Dicembru, 1999 u fl-10 ta' Jannar, 2001. Dawn il-pagamenti jinterrompu l-preskrizzjoni.

Hekk qalet din il-Qorti f'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 1995 fl-ismijiet Emanuel Sammut vs Anthony Vella fejn iddikjarat illi l-preskrizzjoni estintiva tigi nterrotta bil-pagament ta' parti mill-ammont li jkun qed jigi mitlub mill-attur. Ghalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex illi s-socjeta' konvenuta hija gustifikata illi tecepixxi fil-konfront tas-socjeta' attrici l-artikolu preskrittiv minnha ndikat u konsegwentement din il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi. Gie esebit il-kuntratt mas-socjeta' konvenuta, kif ukoll l-istorja tal-pagamenti tas-servizz moghti lill-istess socjeta' konvenuta, minfejn jirrizulta gustifikat l-ammont mitlub fl-avviz.

Jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova, lanqas meta l-kawza kienet appuntata ghal daqshekk.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,436.99) rapprezentanti ammont ta' numru telex 1867 (ATLX 75/80), liema servizz gie nstallat fil-fond 65, South Street, Valletta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------